10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 18**

**10 ta' Marzu 2025**

Il-laqgħa numru 18 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-10 ta' Marzu 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Joe Vella.

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm 2 ittri ta' apoloġija waħda ta' Sa Roberta Sultana u oħra tal-Viċi Sindku s-Sur Stephen Sultana

**2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**2.1 Korrezzjonijiet**

Joe Vella qal li taħt l-attendenza ma' kienx hemm imniżżla is-Sa Roberta Sultana, u fis-6.2 il-kunjom ta' Theresanne kien Cachia. F'punt numru 6.5 kellu jiġi tranġat il-verb qalet għal qal u f'punt 6.4 kellu jiżdied li l-persuna li tuża l-ġnien għal xi attività trid tagħmel insurance.

**2.2 Noti fuq il-minuti**

Is-sindku informa li fuq whatsapp kien ser jintbagħat l-isketch tal-ħajt.

2.4.14 Is-sindku qal li l-contracts manager kien infurmat fuq din is-sitwazzjoni qabel l-elezzjoni li għaddiet u qatt ma kien sar xejn. Il-contracts manager qal li skontu ma kienx hemm problemi sabiex il-persuna toħroġ u tidħol fil-garaxx.

6 Is-Sindku informa li 3 households urew ix-xewqa li jidħlu fil-kumitat. Dawn kienu ser jiltaqgħu mal-avukat u mas-segretarju sabiex imbagħad jinfurmaw il-kumplament tan-nies fuq kif ser jimxu għal kwerela.

7 Is-Sindku qal li l-konsultazzjoni ta' Triq San Ġorġ kienet waħda pożittiva u kulħadd deher li qabel ma' dak propost. Kien hemm biss sitwazzjoni li l-kunsill ried jiddeċiedi fuq Triq Kanonku Bonniċi. Bħalissa din it-triq kienet bil-karreġjata doppja. Hu kien qed jissuġġerixxi li Triq San Ġorġ għal Triq Kanonku Bonniċi tiġi one way l-isfel biss. Fuq dan kien hemm qbil mill-preżenti kollha.

Għaldaqstant is-Sindku qal li 17 ta' Marzu kienet ser titqassam posta mal-lokal u jibda l-marketing tas-social media. Fil-31 ta' Marzu kienu ser jinbidlu tabelli u fl-ewwel t'April jibda traffic management kif qed jiġi maqbul u għal ħinijiet tal-mużew ikun hemm il-LESA

Kulħadd qabel fuq dan.

5 Joe xtaq isaqsi fuq il-Vann tal-ħaddiema peress li reġġgħa kien hemm aktar spejjeż fuqu. Is-Sindku qal li irridu naraw minn fejn se naqsu l-flus sabiex neħduhom għal van, inkella irridu nistennew xi skema

6.5 Is-Sindku qal li reġa' kien hemm aċċident fi Triq il-Kbira u allura kien qed jissuġġerixxi li barra l-traffic management terms li issuġġerew TM, xtaq li jsiru xi tip ta' bollards/crashbarriers ħdejn tal-futbol. Darren qal li jissuġġerixxi bollards ħdejn xulxin jew inkella jitkomplew il-planters ma li hemm. Karl qal li l-planters huma suġġeriment tajjeb sakemm ma' jgħalqux il-bankina. Joe ġibed l-attenzjoni li dawn li semmew kollha tajbin però l-problema kienet it-triq u mhux il-kantuniera biss.

Is-sindku qal li ħa jġib samples u jurihom lil kunsilliera via whatsapp.

Is-Sindku informa ukoll li Triq il-Palazz l-Aħmar għad hemm il-problemi għal ħruġ tal-istudenti. Issa qed jitolbu li jsiru tabelli quddiem il-ħruġ tal-iskola. Marru Lesa u anke l-community police u nħarġu anke multi. Twaħħlu ukoll 2 tabelli fi Triq l-Industrija l-isfel u kien hemm diskussjoni mal-Koop. L-iskola ġiet mitluba tgħalaq it-triq spejjeż tagħhom.

## 3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 431, 430B/C u Petty Cash

Skeda 430B/C

Is-Sindku qal li xtaq li jibdew id-diskussjonijiet fuq l-iskeda tal-pagamenti 430B/C. Karl xtaq jgħaddi kumment fuq ala jaħseb li l-ebda kont ma kellu jitħallas. Hu qal li l-kuntrattur kien ta' kont ta' madwar 17K meta dan il-bus shelter kien ġie msemmi fl-aħbarijiet sabiex jiġġustifika l-azzjonijiet tiegħu. Hu staqsa lis-sindku hekk minn meta din il-biċċa spiċċat fil-medja sal-lum kienux saru xi modifiki? Is-Sindku wieġeb li le. Karl għalhekk saqsa ala issa l-kuntrattur kien qed jiċċarġja iktar minn 18K? Il-Kont tal-perit skont Karl ukoll ma kellux jitħallas għaliex meta Karl saqsa lil Perit hekk il-kont li preżenta kienx laxk u il-perit kien qal li iva, l-kont tal-perit kien ġeneruż.

Is-Sindku qal li sabiex ikunu eżawrew l-punti kollha hu u segretarju kienu ltaqgħu mal-avukat tal-kunsill, u spjegawlu sitwazzjoni. L-avukat kien ta' 3 suġġerimenti:

1. Jintalbu l-invoices kollha lil kuntrattur – l-avukat spjega li din kienet l-inqas favorevoli
2. Jinħatar Perit tal-Qorti li jgħati stima ta' kemm jiswa' l-bus shelter kif inhu u jitħallas dak jew
3. Jimxu bl-avukati

Is-Sindku spejga ukoll li waqt laqgħa separata mal-Konservatorju Bugeja, huma urew li ma ħadux gost li l-bus shelter tweħħel mal-ħajt antik tagħhom mingħajr ħadd ma talab permess. Għalhekk is-segretarju talbet lil kunsill jieħu vot fuq dak li xtaqu jagħmlu. Il-kunsill qabel unanimament li dan il-bus shelter ma kienx qed jilħaq il-funzjoni tiegħu u għalhekk ma kellux jitħallas.

Skeda 431

Joe Saqsa x'kienu l-pagamenti 1243 u 1244. Is-SE qalet li ser tiċċekkja u tibgħat email lil kunsill. Joe saqsa ukoll fuq x'kien il-pagament 1264 – is-sindku wieġeb li sar survey fuq Triq il-Parata. Il-Kunsill qabel fuq din l-iskeda fejn il-proponent kien Silvio Vella, u sekondant Darren Grech.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

a) Espressjoni ta' Interess

Is-Sindku informa li l-espressjoni ta' interess kienet tlesta u intbagħtet lill-kunsilliera u hekk kulħadd kien jaqbel magħha din kienet ser toħroġ għal pubbliku. Hawnhekk Joe saqsa minn kien ser iżarma u jarma dawn l-istatwi. Is-Sindku qal li dan kien ser ikun f'idejn l-artist għax hu jaf l-aħjar. Joe saqsa ukoll hekk kienx hemm ħsib ta' fejn ser jitpoġġew dawn l-istatwi. Is-Sindku qal li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-knisja sabiex nikru post taħt iz-zuntier. Kien hemm qbil li l-espressjoni ta' interess toħroġ fil-pubbliku.

b) Ħruġ ta' skema għal għaqdiet vendriżi

Is-sindku informa li l-iskema ta' interess għal għaqdiet vendriżi kienet lesta u tqassmet lill-kunsilliera b'email mal-minuti u l-aġenda. Hekk kien hemm qbil fuq din l-iskema.

c) Update Triq Emm Attard

Is-Sindku informa li l-proġett għaddej imma hemm ħafna xogħol xi jsir. Triq il-parata ser jibda l-asfalt ukoll. Karl saqsa hekk nistgħux nlaqqgħu l-proġett li qed isir ma dak li sar is-survey fuqu. Is-Sindku qal li idealment dawn isiru f'daqqa imma peress li l-idea ġiet wara qed naraw kif nistgħu nlaqqgħu it-tnejn flimkien. Silvio qal li fi Triq Emmanuel Attard kien hemm residenti bi blue sticker imma fi triq m'hemmx spazju allokat għal blue bay. Għalhekk kien hemm qbil li ssir blue bay komunali.

d) Riżultati intervisti part 1 u part 2

Is-Sindku saqsa lil Karl sabiex jitkellem fuq dan. Karl qal li kienu saru l-intervisti għal post vakant ta' Assistent Prinċipal. Kien hemm 4 individwi li laqgħu l-istedina għal intervista imma 2 biss ġew. Minn dawn it-tnejn l-ebda wieħed minnhom ma nstab li kien tajjeb għal post.

e) Talba minn Aġenzija Sapport

Is-sindku qal li hu kien f'komunikazzjoni magħhom u tagħhom alternattivi diversi. Ħadd ma jista' jgħaddi mit-triq tal-iskola fil-ħin tad-dħul u ħruġ tal-iskola.

f) Il-pass li jmiss fuq l-iskema titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields.

Is-sindku informa li l-kunsill preċedenti kien ħa xi fondi sabiex isir proġett fil-playing field ta' wara l-knisja. Però jidher li ma sar xejn allura ser inkunu qed nitolbu d-DLG sabiex nużaw il-flus għal revamp ta' dan il-playing field.

g) Kawża l-qorti fuq xi ħadd li weġġa' f'xi attività' tal-Milied

Is-Sindku informa li kien hemm seduta fil-qorti li attenda għalija l-avukat fejn il-persuna kien qed jitlob xi flus għad-danni li kellu meta weġġa'. Il-Kunsill ma kellux korrispondenza fuq dan il-fatt. Għalhekk kien deċiż li tintalab informazzjoni minn għand is-sur Ray Fonz. L-avukat kien qed isaqsi ukoll għal prova li Casa Leoni mhux propjetà tal-kunsill.

Hawnhekk il-Kunsillier Darren Grech kellu jitlaq minħabba inpenji oħra.

h) Eco Wardens

Is-Sindku qal li fi Triq Dun Xand Cortis qed jintefgħu ħafna boroż suwed fejn il-bring in sites. Għalhekk qed jitlob sabiex il-kunsill iħallas eco wardens għal ftit ħin sabiex in-nies ma jibqgħux jarmu hawn. Fuq dan kien hemm qbil.

i) ECAD Membership

Is-Sindku informa li rċieva email mill-AKL sabiex ikun parti mill-ECAD membership. Il-Kunsill iddeċieda li ma jiffurmax parti minn dan.

j) Bankina fejn Ta' Kriss u fejn ir-rocky sabiex ikun hemm traffic management aħjar

Is-sindku qal li l-bankina ħdejn Ta' Kriss qatt ma kienet daqshekk wiesgħa u hemm problema li karozzi u muturi qed jieqfu bl-addoċċ. Għalhekk kien qed jissuġġerixxi anke wara li kellem il-propjetarju li l-wisgħa tal-bankina tonqos u tiddaħħal il-ġewwa u jisru parking bays. Karl qal li jibża' li xorta jsir double parking u jkunu qed jostakolaw xorta. Is-Sindku qal li l-parkings jiġu vertikali ħalli ma jkunx hemm spazju għal double parking. Fuq dan ittieħed vot u kulħadd qabel.

Is-sindku qal li l-istess ħaġa ħdejn ir-Rocky hu qed jissuġerixxa sabiex il-bankina titwessa' u b'hekk ikun hemm dħul u ħruġ wieħed, b'hekk ikun hemm aċċess għal single car biss avolja 2 ways u jitnaqqas il-problema tad-double parking. Silvio issuġġerixxa li nkellmu l-perit u kien hemm qbil fuq dan.

k) Is-Sindku qal li ħaddiem tal-id full-time mhux qed jilħaq l-aspettativi meħtieġa u qed jinħela ħafna ħin, apparti l-attitudni kerha li għandu. Għaldaqstant hu kien qed jissuġġerixxi li dan il-ħaddiem jiġi fuq bażi part time u nsibu lil xi ħadd ieħor sabiex jiżdied it-tim tal-maintenance. Silvio qal li forsi nibgħatu għal community worker. Fuq dan kollu kien hemm qbil.

l) Is-Sindku qal li l-Wirt Vendriż talbu lil kunsill jgħin fil-proġett tal-bust li ser jitpoġġa fil-Ġnien Romeo Romano. Dan kien ser jiswa' Euro 1,100. Il-Kunsill qabel fuq dan.

m) Is-Sindku informa li fuq is-sleeping police ta' Triq il-Lunzjata il-kunsill kien irċieva aktar minn 40 risposta favur li din issir, risposta waħda biss li qalet le, u risposta indeċiża minħabba l-lok tat-tabella. Għaldaqstant il-pass li jmiss kien li din l-isleeping police ser titwaħħal. Il-Kunsill approva dan.

## 5 Skemi maħruġa mid-DLG

Is-Sindku qal li fuq dan ser tkun qed tispjega aħjar is-SE. Is-SE qalet li id-DLG kienu ħarġu set ta' skemi għal matul is-sena kollha sabiex il-kunsill jibbenefika minn fondi għal attivitajiet diversi.

a) Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025 – SPI/SCI/04/2025

Din l-iskema kienet għal attività waħda fi żmien bejn 1 ta' Diċembru 2025 u 8 ta' Jannar 2026. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' Euro 15,000 (inkluż il-VAT). Il-Kunsill ikun obbligat joħroġ kontribut ta' 15% tas-somma li jiġi Euro 2,250 (inkluż il-VAT). L-Kunsill qabel li dawn il-fondi jmorru għal attività Betlehem f'Santa Venera li ser tkun qed issir fil-weekend ta' 19 u 21 ta' Diċembru.

b) Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa SPI/SCI/03/2025

B'din l-iskema kull kunsill kien ser jibbenefika minn massimu ta' Euro 1500 (inkluż il-VAT) sabiex issir inizjattiva għal tindif li toħloq kuxjenza u bidla fl-imġieba u l-mentalita indiviwali. Din l-attivita ser issir fi Triq il-Ħarrub in-naħa tas-St Philips u faċċata nhar is-27 ta' Settembru 2025.

c) Skema għal attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 SPI/SCI/02/2025

Din l-iskema se tkun qiegħda tkopri attivitajiet kulturali li ħa jsiru matul is-sena 2025/2026 bejn il-Ħadd 1 ta' Ġunju u l-Ħadd 31 ta' Mejju 2026. Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' Euro 20000 VAT inkluż. Il-Kunsill huwa obbligat li jgħatti kontribut ta' 15%. F'din l-attivita hu propost li ssir nhar il 5 ta' Lulju filgħaxija fi Triq il-Kbira San Gużepp quddiem il-Kunsill Lokali u fiha ndaħħlu għana moderna, u l-għat edukattiv b'mod differenti. Fuq dan kien hemm qbil.

d) Skema Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. SPI/SCI/06/2025. Minn din l-iskema kull kunsill jista' jibbenefika sa massimu ta' Euro 30,000 inkluż il-VAT. Din tkopri 85% tal-ispiża rikjesta u l-kunsill huwa obbligat li jiffinanzja 15% ma' l-ammont mogħti lilu. Dan il-proġett għandu jitlesta sa' 30 ta' April 2027. Il-Kunsill qabel li l-flus ta' din l-iskema kellhom imorru għal pocket Gardens fejn il-Klabb tal-boċċi u Triq it-Turretta.

e) Skema Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita' SPI/SCI/07/2025. Din l-iskema immirata għal proġetti li jtejbu l-ħajja u saħħa tal-komunita'. L-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża, u l-kunsill hu obbligat li mas-somma jagħtu kontribut ta' 15% mis-somma globali. Kull kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' Euro 100000 (inkluż il-VAT). Fuq din l-iskema kien hemm qbil mill-kunsill kollu li l-fondi jmorru sabiex jiġu tranġati l-latrini pubbliċi li jinsabu fi Triq il-Kbira San Gużepp sabiex minnhom tgawdi l-komunita Vendriża imma wkoll dawk in-nies li jżuru dan ir-raħal.

f) Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026 SPI/SCI/05/2025

F'din l-iskema kull kunsill jista' japplika għal attività waħda li issir bejn it-13 ta' Frar u 17 ta' Frar 2026. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja sa massimu ta' Euro 5,000 inkluż il-VAT. Il-Kunsill qabel li din l-iskema tintuża sabiex flimkien ma' Festivals Malta u l-kunsill lokali tal-Ħamrun, inġibu l-karnival f'Santa Venera.

**6 Talba minn Karl Carabott - Recording tal-laqgħat**

Is-Sindku spjega li Karl xtaq li ir-recording tal-laqgħa 17 u 17(kont) li saret mal-kuntrattur tal-bus shelter u dik li saret mal-perit fuq il-bus shelter titqassam lil kunsilliera kollha. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li dawn joħorġu mill-kunsill minħabba sigurta'. Dak in-nhar tal-laqgħa konna għadnilhom li jistgħu jitkellmu liberi għax ir-recording kien xi ħaġa nterna. Dawn ir-recordings ser ikunu available għand is-segretarju bħal kull dokument ieħor

**7 Traffic Management Triq San Gorg**

Din ġiet diskussa waqt l-approvazzjoni tal-minuti aktar il-fuq.

**8 Course ta' Sage għal Assistent Prinċipal**

L-assistant principal uriet l-interess li tagħmel course tas-sage Part 1 u part 2 li hu offrut mill-AKL. L-Kunsill qabel li l-assistant principal tapplika għal dan il-course u jħallas il-Kunsill.

**9 Rapport tal-Evalwaturi – Tender għal 5-seater tal-elettriku**

Is-sindku infrom li l-proċess ta' evalwazzjoni għal- 5 seater elettriku ġie magħluq u l-board tal-evalwazzjoni kien qed jirrakomanda l-irħas bid dik ta Michael Attard Imports Ltd fuq Citroen. Fuq dan kien hemm qbil u għalhekk kien se jiskatta l-proċess ta' xiri.

**10 Mistoqsijiet lis-Sindku mingħand Joe Vella**

10.1 Jista' Sindku jinforma jekk il-modifikazzjoni fuq bandla fil-bandli San Gorg Preca saritx u jekk gietx ċertifikata?

Is-sindku wieġeb li segretarja qiegħda titkellem mal-perit tagħna, kien sar xi xogħol imma mhux finali.

10.2 Jista' s-sindku jinforma jekk tkellimx mall-contracts manager rigward Zebra Crossing fi Triq il-Kanun fl-inhawi tal-Aġenzija Support u x'kien l-eżitu?

Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddejin diskussjonijiet ma' TM

10.3 Ngħamel referenza għall-ilment li konna rċivejna minn resident ta' Triq Dun Alfred Gatt kien deċiż li ssir laqgħa mar-residenti u kien saf suggeriment li nkellmu lil TM. Jista' sindku jinforma jekk kienx hemm xi progress?

Is-Sindku wieġeb li il-bollards kienu saru. Minħabba l-ground hu u segretarju iltaqgħu mal-MFA u se jerġgħu jiltaqgħu sabiex ikomplu diskussjonijiet.

10.4 Jista s-Sindku jinforma jekk kienx hemm xi progress rigward il-kaz tal-Bieb Antik ta' triq Msida u jekk fin-negattiv is-Sindku jikkonsidrax li jibdew tahdidiet sabiex dan il-Bieb jigi devolut lil-Kunsill sabiex jigi kkonservat.

Is-Sindku informa li l-gvern ftit taż-żmien ilu kien talab lista ta' siti storiċi ħabba restawr. Joe qal li dan bieb privat u għalhekk kien hemm problema sabiex jiġi devolut lil Kunsill.

**11 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fis-19.50hrs u laqgħa li jmiss ser issir fit-3 ta' April fil-1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

Gianluca Falzon
Sindku

Tiffany Abela
Segretarju Eżekuttiv